na naraw il-moviment tar-riħ quddiemna mas-siġar, ma' l-għoljiet, mal-blat, mal-baħar……

*"għaddej għaddej*
*jofroq u jiżfen*
*jitqal*
*jitqawwa*
*bla nifs ivenven."*

Għad illi Agius huma patrijott kbir, irnexxielu jagħmel l-artijiet Għarbin bħala biċċa minn ħajtu. Sar iħobb u jammira dawk in-nies, u b'hekk idejjaq il-fruntiera kbira tal-baħar bejn pajjiżhom u pajjiżu.

Ta' min jinnota wkoll li bosta awturi kbar Maltin jużaw kliem barrani fil-versi tagħhom. Naraw illi Agius ma jużax ħlief kliem Malti Semitiku — tagħlima għal dawk li jaħbu li l-Malti mhux għani biżżejjed.

# L-ILĦNA MAĦNUQA

L-ilħna maħnuqa jidwu kuljum fija
x'ħin l-univers għajjien jixgħel f'lewn ieħor
mitluq donnu liżar fuq ġisem mejjet.

Staqsejt x'inhuma lill-oraklu għoli
li s-soltu ma jweġibx it-talba tiegħi.

U jien staqsejt x'inhuma lili nnifsi:
Muntanji li m'għamilhom ħadd jitgerbu
bħal kobob mitluqin ma' xfar it-taraġ
li ttiekel bis-saqajn?
Għaxart iswaba' maħkumin min-nervi
itektku bla mistrieħ fuq wiċċ ta' mejda?
Skeletri jsabbtu l-għadam li jixxaqqaq
ma' l-erba' rkejjen ta' qabarhom minsi?
Erwieħ jistqarru dnubhom f'katakombi
li jdamdam waqt li jtenni kelma waħda
bħall-moħħ marid magħsur f'idejn psikjatra?

Ma nafx inwieġeb u se jkolli nibqa'
inqalleb fit-taħwid tad-deżert tiegħi.

**Oliver Friggieri**

**1971.**



# "ŻMIEN L-ISPANJOLI"

## Ta' ĠUŻE' GALEA

### Studju ta' Patri D. Fenech, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., O.S.A.

Ġuże' Galea beda jikteb bil-Malti meta kien għadu student fl-Università fl-1926 bil-kitba tan-novella tiegħu "Hena u Ġid" meta kien għad għandu 25 sena. B'din il-kitba rebaħ l-ewwel premju f'konkors imniedi mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Hekk hu beda ħajja ta' kitba ta' proża u poeżija, imma l-iżjed li kiseb isem kien fil-qasam tal-kitba tar-rumanz.

L-ewwel rumanz li kiteb Galea kien *Żmien l-Ispanjoli*. B'din il-kitba wkoll daħal għal konkors ieħor. Kien il-konkors imniedi mill-Gvern biex iħajjar liż-żgħażagħ Maltin jagħtuha għall-kitba ta' din il-għamla u jgħinu fil-bini tal-letteratura Maltija li kienet għadha fi tfulitha. Galea ħa t-tieni premju, waqt li Ġuże' Aquilina ħa l-ewwel b'*Taħt Tliet Saltniet*. Kienet is-sena 1937.

Ir-rumanz *Żmien l-Ispanjoli* fih erba' taqsimiet. Fl-ewwel waħda naraw lil Malta meta kienet għadha kemm ingħatat bħala fewdu lil Monroi. Il-Maltin kienu mxewxin bl-ikrah kontra tiegħu talli f'dawn il-gżejjer ma kien qed jara xejn jekk mhux kif itemm ir-regħba kbira li kellu għall-flus. Riedhom iħallsu t-taxxi fuq il-qamħ li kien ġieb minn Sqallija. Imbagħad ġrat biċċa oħra. Il-furbani resqu lejn Malta b'xambekk inħaha ta' Fomm ir-Riħ, niżlu l-art u ħabtu għall-kaless li fuqu kienu Marċjan Falka, martu u bintu ż-żgħira. Monroi ried jipprofitta ruħu wkoll minn dil-ġrajja ta' niket. U ordna li r-raba' u l-irziezet kollha li Falka kellu lejn l-Imġarr jaqgħu immedjatament taħt il-ħarsien tiegħu u l-bdiewa kellhom iħallsu lilu. Barra minn dan ried li l-palazz li Falka kellu fl-Imdina jkun ukoll taħt is-setgħa tiegħu. Verna, it-tifla l-kbira ta' Falka li nzertat l-Imdina meta l-furbani ħabtu għall-kaless ta' missierha, kellha wkoll tgħaddi taħt il-ħarsien tiegħu sakemm ikollha ħamsa u għoxrin sena jew sakemm missierha jeħles mill-jasar. Dawn l-ordnijiet ħasdu lil kulħadd u l-kbarat Maltin faru bil-qilla. Il-Kunsill Popolari għamel laqgħa malajr u sar ħafna tħaqqiq. L-iżjed li ħadha bi kbira kien il-Ġurat Franġisk Gatt, silf Marċjan Falka li kien ġabar miegħu bħala zijuha lil Verna. Xi kbarat Maltin kellmu lil Monroi u l-Università stess kitbitlu biex tiftaħlu għajnejh. Imma kien kollu ta' xejn. Anzi żied jordna lis-suldati tiegħu ħalli jmiddu idejhom fuq il-palazz ta' Falka fl-Imdina u biex jiġbru l-qbejjel u jdaħħlu l-ħaraġ li kien ħaqqu bħala sid mill-oqsma kollha li kellu Falka. Hekk naraw għlieda kbira fl-Imġarr